

**DEĊIJONI (UE) 2020/1892 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-13 ta' Mejju 2020**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2018, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 – C9-0052/2019)<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifikasi interni mwettqa fis-sena 2018,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet<sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni<sup>(4)</sup> dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0038/2020),
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju ġenerali tal-Kunsill għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2018;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju ġenerali

Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 57, 28.2.2018.

<sup>(2)</sup> ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.